**Ruling mogħti mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 33 tas-17 ta' Ottubru 2022 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fi tmiem il-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari tas-seduta tal-Erbgħa, 12 ta' Ottubru 2022, l-Onor. Ivan Castillo ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għar-risposta mogħtija għall-mistoqsija parlamentari li huwa għamel lill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri, bin-numru 891. Huwa qal illi:

> "Sur President, nixtieq niġbed l-attenzjoni, u jidhirli li s-Sedja diġà ħadet ruling fuqha dwar il-fatt li fil-mistoqsija parlamentari 891 lill-Ministru għal Għawdex, fejn it-tweġiba kienet li l-informazzjoni tiġi ppublikata kull sitt xhur fuq il-Gazzetta tal-Gvern. Jien jidhirli li s-Sedja diġà tat ruling fuq dan, fejn l-informazzjoni tiġi mitluba tiġi mogħtija."

Is-Sedja rat ir-risposta li ngħatat mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri, fejn qal illi:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni dwar servizzi ta' konsulenza mitluba tiġi ppublikata kull sitt xhur fuq il-Gazzetta tal-Gvern."

Is-Sedja tenni dak li ġie espress diversi drabi, kemm minnha kif ukoll minn Speakers preċedenti, li hija m'għandha l-ebda poter li b'xi mod tindaħal fil-kontenut tat-tweġibiet li jagħżlu li jagħtu l-Ministri.

Madankollu, is-Sedja tifhem u tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari, u għalhekk terġa' tfakkar, anke kif espress f'diversi rulings preċedenti kemm minnha u kemm mis-Sedja diversament ippreseduta, li fi tweġibiet fejn fihom ssir xi referenza għal dokument ippubblikat, sew jekk diġà mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, u sew jekk le, id-dipartimenti tal-Gvern huma mistennija li jgħinu kemm jistgħu biex il-Membri jkollhom tweġibiet għall-mistoqsijiet tagħhom. Dan ukoll billi meta ssir referenza għal sit elettroniku – f'dan il-każ fil-gazzetta tal-Gvern – hu rakkomandabbli li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, kopja pprintjata tad-dokument, u dan sabiex il-Kamra jkollha rekord tal-informazzjoni mogħtija kif tkun teżisti f'dak il-mument.